Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,647, 18 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 261 tal-2021

ATT DWAR ID-DRITTIJIET TAL-AWTUR (KAP. 415)

Regolamenti tal-2021 dwar id-Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 59 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, il-Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar id-Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali.

Għan.

2. L-għan ewlieni ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva 2019/790 (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur; Kap. 415.

"Bord" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"estrazzjoni tat-test u tad-data" tfisser kwalunkwe teknika analitika awtomatizzata li għandha l-għan li tanalizza t-test u d-data f'forma diġitali biex tiġi ġġenerata informazzjoni, li tinkludi iżda mhijiex limitata għal, mudelli, xejriet u korrelazzjonijiet;

"fornitur ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online" tfisser fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li l-iskop prinċipali jew wieħed mill-iskopijiet prinċipali tiegħu huwa li jaħżen u jagħti aċċess lill-pubbliku għal ammont sinifikanti ta' kontenut ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew materjal ieħor protett mtellgħin mill-utenti tiegħu, li s-servizz jorganizza u jippromwovi bi skop li jagħmel profitt minnhom direttament jew indirettament. Il-forniturita' servizz, bħal enċiklopediji online mingħajr skopijiet ta' qligħ, repożitorji edukattivi u xjentifiċi mingħajr skopijiet ta' qligħ, pjattaformi ta' żvilupp ta' software u ta' kondiviżjoni b'sors miftuħ, fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif definiti fid-Direttiva (UE) 2018/1972, swieq online u servizzi tal-cloud għan-negozju u servizzi cloud li jippermettu lill-utenti jtellgħu kontenut għall-użu tagħhom stess mhumiex "fornituri ta' servizz tal-

kondiviżjoni tal-kontenut online" fis-sens ta' dawn ir-regolamenti;

"istituzzjoni tal-wirt kulturali" tfisser librerija jew mużew aċċessibbli għall-pubbliku, arkivju jew istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku jew awdjo;

"Ministru" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"organizzazzjoni ta' riċerka" tfisser università, inklużi l-libreriji tagħha, istitut tar-riċerka jew kwalunkwe entità oħra, li l-għan primarju tagħha huwa li twettaq riċerka xjentifika jew li torganizza attivitajiet edukattivi li jinvolvu wkoll t-twettiq ta' riċerka xjentifika:

(a) fuq bażi mhux għall-profitt jew billi tinvesti mill-ġdid il-profitti kollha tagħha ta' riċerka xjentifika; jew

(b) skont missjoni ta' interess pubbliku rikonoxxuta minn Stat Membru;

b'tali mod li l-aċċess għar-riżultati ġġenerati minn tali riċerka xjentifika ma jistgħux jitgawdew fuq bażi preferenzjali minn impriża li teżerċita influwenza deċiżiva fuq din l-organizzazzjoni;

"pubblikazzjoni tal-istampa" tfisser kollezzjoni magħmula fil-parti l-kbira minn xogħlijiet letterarji ta' natura ġurnalistika, iżda li tista' tinkludi wkoll xogħlijiet jew materjal ieħor, u li:

(a) tikkostitwixxi komponent individwali f'perjodiku jew f'pubblikazzjoni aġġornata regolarment taħt titlu wieħed, bħal f'gazzetta jew f'rivista ta' interess ġenerali jew speċjali;

(b) għandha l-għan li tipprovdi lill-pubbliku ġenerali b'informazzjoni b'rabta ma' aħbarijiet jew suġġetti oħra; u

(ċ) hija ppubblikata fi kwalunkwe mezz tax-xandir taħt l-inizjattiva, ir-responsabbiltà editorjali u l-kontroll ta' fornitur ta' servizz.

Pubblikazzjonijiet perjodiċi li huma ppubblikati għal skopijiet xjentifiċi jew akkademiċi, bħal ġurnali xjentifiċi u siti tal-internet, bħal blogs, li jipprovdu informazzjoni bħala parti minn attività li ma ssirx taħt l-inizjattiva, ir-responsabbiltà editorjali u l-kontroll tal-fornitur ta' servizz, bħal pubblikatur tal-aħbarijiet, mhumiex pubblikazzjonijiet tal-istampa skont dawn ir-regolamenti;

"servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" tfisser servizz skont it-

tifsira tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi;

"stabbiliment edukattiv" tfisser kulleġġ, skola jew università kif rikonoxxuta mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni.

Estrazzjoni tat-test u tad-data għal skopijiet ta' riċerka xjentifika.

4. Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, database, xogħol letterarju ħlief fil-każ ta' programm tal-kompjuter, xogħol mużikali jew artistiku u dritt *sui generis* dwar databases mogħti lill-oriġinarju kif ukoll d-drittijiet tal-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa kif provdut fir-regolament 15(1), ma għandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni għar-riproduzzjonijiet u estrazzjonijiet magħmula minn organizzazzjonijiet ta' riċerka u istituzzjonijiet tal-wirt kulturali sabiex iwettqu, għall-fini tar-riċerka xjentifika, estrazzjoni tat-test u tad-data ta' xogħlijiet jew materjal ieħor li għalih għandhom aċċess legali.

Iżda:

(a) kopji ta' xogħlijiet jew materjal ieħor magħmulin f'konformità mal-paragrafu preċedenti, għandhom jinħażnu b'livell xieraq ta' sigurtà u jistgħu jinżammu għall-finijiet ta' riċerka xjentifika, inkluż għall-verifika tar-riżultati tar-riċerka;

(b) id-detenturi tad-drittijiet għandhom jitħallew japplikaw miżuri biex tkun żgurata s-sigurtà u l-integrità tan-netwerks u l-bażijiet tad-data fejn huma ospitati x-xogħlijiet jew materjal ieħor. Dawn il-miżuri ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

Eċċezzjoni għall-estrazzjoni tat-test u tad-data.

5. (1) Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, database, xogħol letterarju, xogħol mużikali jew artistiku u dritt *sui generis* dwar databases mogħti lill-oriġinarju tad-database, kif ukoll d-drittijiet tal-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa kif provdut fir-regolament 15(1), ma għandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni għar-riproduzzjonijiet u estrazzjonijiet ta' xogħlijiet legali aċċessibbli u suġġett oħrajn għall-finijiet tal-estrazzjoni tat-test u tad-data.

Iżda r-riproduzzjonijiet u l-estrazzjonijiet magħmula skont il-paragrafu preċedenti jistgħu jinżammu sakemm ikun neċessarju għall-finijiet tal-estrazzjoni tat-test u tad-data.

(2) L-eċċezzjoni provduta fis-subregolament (1) għandha tapplika sakemm l-użu tax-xogħlijiet u suġġetti oħra msemmija hawn fuq ma jkunux ġew espressament riżervati mid-detenturi tad-drittijiet tagħhom b'mod xieraq, bħal mezzi li jinqraw minn magna għall-kontenut fil-każ ta' kontenut li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-

pubbliku online.

(3) Dan ir-regolament ma għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-egolament 4.

L-użu ta' xogħlijiet u materjal ieħor f'attivitajiet ta' tagħlim diġitali u transfruntier.

6. (1) Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, database, xogħol letterarju, xogħol mużikali jew artistiku u dritt *sui generis* dwar databases mogħti lill-oriġinarju tad-database, kif ukoll d-drittijiet tal-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa kif provdut fir-regolament 15(1), ma għandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni u l-użu diġitali ta' xogħlijiet u materjal ieħor għall-iskop uniku ta' illustrazzjoni għat-tagħlim, sa fejn ikun ġustifikat li jintlaħaq mill-iskop mhux kummerċjali, bil-kundizzjoni li tali użu:

(a) isir taħt ir-responsabbiltà ta' stabbiliment edukattiv, fil-binjiet tiegħu jew f'postijiet oħra, jew permezz ta' netwerk elettroniku sigur, aċċessibbli biss mill-istabbilimenti edukattivi tal-istudenti u l-għalliema; u

(b) ikun akkumpanjat bl-indikazzjoni tas-sors, inkluż l-isem tal-awtur, sakemm dan ma jkunx sar impossibbli:

Iżda d-detenturi tad-drittijiet għandhom ikunu intitolati għal kumpens ġust għall-użu tax-xogħlijiet jew ta' materjal ieħor f'konformità mas-subregolament (1).

Iżda wkoll għar rigward ta' xogħlijiet jew materjal ieħor li huwa prinċipalment maħsub għas-suq tal-edukazzjoni, stabbiliment edukattiv għandu jikseb il-liċenzji adegwati sakemm dawn ikunu disponibbli.

(2) L-użu diġitali msemmi fis-subregolament (1) għandu jinftiehem bħala dak li jkopri l-ħtiġijiet speċifiċi tal-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà fil-kuntest ta' illustrazzjoni għat-tagħlim.

(3) L-użu ta' xogħlijiet u materjal ieħor għall-iskop uniku ta' illustrazzjoni għat-tagħlim permezz ta' ambjenti elettroniċi sikuri li jkunu ttieħdu f'konformità mar-regolament 6(1) taħt ir-responsabbiltà ta' stabbilment edukattiv stabbilit f'Malta għandu jitqies li ttieħdu biss ġewwa Malta.

Preservazzjoni tal-wirt kulturali.

7. Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, database, xogħol letterarju, xogħol mużikali jew artistiku u dritt *sui generis* dwar databases mogħti lill-oriġinarju tad-database, kif ukoll d-drittijiet tal-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa provdut fir-regolatment 15(1), ma għandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni lill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali li jagħmlu riproduzzjonijiet ta' tali xogħlijiet li huma permanentement fil-kollezzjonijiet tagħhom, f'kull

forma jew mezz, għall-finijiet tal-preservazzjoni u sa fejn meħtieġ għal tali preservazzjoni.

Kondizzjonijiet fir-rigward tal-eċċezzjoniet fir-regolamenti 4, 5, 6 u 7.

8. (1) Kwalunkwe dispożizzjoni kuntrattwali kuntrarja għall-eċċezzjonijiet provduti fir-regolamenti 4, 6 u 7 ma għandhiex tkun infurzabbli.

(2) L-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet li hemm provdut dwarhom fir-regolamenti 4, 5, 6 u 7 għandhom jiġu biss applikati f'dawk il-każijiet partikolari li ma jmorrux kuntrarju mal-esplojtazzjoni normali tax-xogħol jew suġġett ieħor u li ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detentur ta' drittijiet.

(3) Fejn l-applikazzjoni ta' xi miżura teknoloġika effettiva għal xogħol jipprevjeni lil xi benefiċjarju ta' xi eċċezzjoni li hemm provdut dwarha fir-regolamenti 4, 5, 6 u 7 li jibbenifikaw minn dik l-eċċezzjoni, id-detentur ta' drittijiet għandu jagħmel disponibbli lill-benefiċjarju l-mezzi ta' kif ikun jista' jibbenefika minn dik l-eċċezzjoni, daqstant kemm ikun meħtieġ li jibbenefika minn dik l-eċċezzjoni jew limitazzjoni:

Iżda l-benefiċjarju għandu jkollu aċċess legali għax-xogħol protett jew għas-suġġett in kwistjoni:

Iżda wkoll ma jkun hemm ebda miżura volontarja li tittieħed mid-detentur ta' drittijiet jew persuna esklużiva li jkollha liċenzja jew ftehim bejn id-detentur ta' drittijiet u l-parti l-oħra in kwistjoni, bil-fini relattiva li l-benefiċjarju jkun jista' jibbenefika mill-eċċezzjonijiet speċifikati fil-paragrafu ta' hawn qabel.

(4) Għandu jkun illegali li konxjament tqarraq b'miżuri teknologiċi applikati b'mod volontarju mid-detenturi tad-drittijiet, inklużi dawk applikati fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet volontarji.

L-użu ta' xogħlijiet u materjal ieħor li mhumiex fis-suq minn istituzzjonijiet tal-wirt kulturali. L.S. 415. 01.

9. (1) Organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, li hija stabbilita` f'Malta, skont ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur, f'konformità mal-mandati tagħha mid-detenturi tad-drittijiet, tista' tikkonkludi liċenzja mhux esklużiva għal skopijiet mhux kummerċjali ma' istituzzjoni tal-wirt kulturali, stabbilita f'Malta, għar-riproduzzjoni, id-distribuzzjoni, il-komunikazzjoni lill-pubbliku u t-tqegħid għad-disponibbiltà tal-pubbliku ta' xogħlijiet li mhumiex fis-suq jew materjal ieħor li jkunu permanentement fil-kollezzjoni tal-istituzzjoni, irrispettivament minn jekk id-detenturi tad-drittijiet kollha koperti mil-liċenzja jkunux taw mandat lill-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv, bil-kundizzjoni li:

(a) l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv għandha, abbażi ta' mandati tagħha, li jirrappreżentaw b'mod suffiċjenti lid-detenturi tad-drittijiet fit-tip rilevanti ta' xogħlijiet jew materjal ieħor u tad-drittijiet li huma s-suġġett tal-liċenzja; u

(b) id-detenturi tad-drittijiet kollha huma ggarantiti trattament ugwali f'dak li għandu x'jaqsam mat-termini tal-liċenzja:

Iżda għandu jkun il-Bord li jiddetermina jekk organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-kuntest ta' liċenzja mhux esklussiva nnegozjati skont is-subregolament (1). Sabiex tintlaħaq deċiżjoni jekk organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tirrappreżenta b'mod suffiċjenti skont il-kondizzjoni fil-paragrafu (a) hawn fuq, il-Bord għandu jqis:

(a) il-kategoriji ta' drittijiet li tamministra;

(b) l-abilità li tamministra b'mod effettiv;

(ċ) speċifiċitajiet tas-settur kreattiv rilevanti; u

(d) kopertura ta numru sinjifikattiv tad-detenturi tad-drittijiet fit-tip ta' xogħol jew dritt rilevanti:

Iżda wkoll sabiex organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv taġixxi fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet kollha li ma jkunux taw mandat biex jagħmlu hekk fil-kunest ta' liċenzja mhux esklussiva nnegozjata skont it-termini tas-subregolament (1), għandha l-ewwel tapplika u tiżgura awtorizzazzjoni biex tagħmel dan mill-Bord u meta tagħmel hekk turi għas-sodisfazzjon tal-Bord li qed tissodisfa il-kundizzjonijiet fil-paragrafi (a) u (b) hawn fuq.

(2) Id-drittijiet tal-awtur f'xogħol awdjoviżiv, database, xogħol letterarju, xogħol mużikali jew artistiku u dritt *sui generis* dwar databases mogħti lill-oriġinarju tad-database, kif ukoll d-drittijiet tal-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa kif provdut fir-regolament 15(1), ma għandux jinkludi d-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni lill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali li jagħmlu għall-skopijiet mhux kummerċjali, xogħlijiet jew materjali ieħor li mhumiex fis-suq u li jinsabu fil-kollezzjonijiet tagħhom disponibbli, bil-kundizzjoni li:

(a) jiġi indikat l-isem tal-awtur jew kwalunkwe detentur tad-dritt identifikabbli ieħor, sakemm dan ma jinstabx li jkun impossibbli; u

(b) dawn ix-xogħlijiet jew materjal ieħor huma disponibbli fuq siti web mhux kummerċjali.

(3) L-eċċezzjoni jew il-limitazzjoni provduti fis-subregolament (2) japplikaw biss għal tipi ta' xogħlijiet jew materjal ieħor li għalihom ma teżisti l-ebda organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li tissodisfa l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1).

(4) Id-detenturi tad-drittijiet kollha jistgħu, fi kwalunkwe ħin, b'mod faċli u effikaċi, jeskludu x-xogħlijiet jew materjal ieħor tagħhom mill-mekkaniżmu ta' liċenzjar stabbilit fis-subregolament (1) jew mill-applikazzjoni tal-eċċezzjoni jew tal-limitazzjoni provduti fis-subregolament (2), jew b'mod ġenerali jew f'każijiet speċifiċi, fosthom wara l-konklużjoni ta' liċenzja jew wara l-bidu tal-użu kkonċernat.

(5) Xogħol jew materjal ieħor għandhom jitqiesu li mhumiex fis-suq meta ikun jista' jiġi preżunt *in bona fede* li x-xogħol jew materjal ieħor sħaħ ma jkunux disponibbli għall-pubbliku permezz tal-mezzi tas-soltu tal-kummerċ, wara li jkun sar sforz raġonevoli biex jiġi ddeterminat jekk huwiex disponibbli għall-pubbliku:

Iżda fi kwalunkwe każ, xogħol u materjal ieħor għandu jitqies li mhumiex fis-suq qabel ma jgħaddu mill-inqas għaxar (10) snin mid-data li dak ix-xogħol u materjal ieħor kien l-aħħar disponibbli kummerċjalment.

(6) Liċenzja kif indikata fis-subregolament (1) tista' tinkiseb biss minn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv li hi rappreżentattiva għal Malta.

(7) (a) Dan ir-regolament ma għandux japplika għal settijiet ta' xogħlijiet jew materjal ieħor li mhumiex fis-suq jekk, abbażi tal-isforz raġonevoli msemmi fis-subregolament (5), ikun hemm evidenza li tali settijiet jikkonsistu l-aktar f':

(i) xogħlijiet jew materjal ieħor, ħlief għal xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi, li ġew ippubblikati għall-ewwel darba jew, fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni, li xxandar għall-ewwel darba f'pajjiż terz;

(ii) xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi, li l-produtturi tagħhom għandhom il-kwartieri ġenerali jew ir-residenza abitwali tagħhom f'pajjiż terz; jew

(iii) ix-xogħlijiet jew materjal ieħor ta' ċittadini ta' pajjiż

terz, meta wara sforz raġonevoli l-ebda Stat Membru jew pajjiż terz ma setgħa jiġi determinat skont is-subparagrafi (i) u (ii).

(b) B'deroga mis-subregolament (1), dan ir-regolament għandu japplika fejn l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv tkun rappreżentattiva biżżejjed fis-sens tat-tifsira tas-subparagrafu (i) tas-subregolament (1), tad-detenturi tad-dritt tal-pajjiż terz rilevanti.

Każijiet transfruntiera.

10. (1) Liċenzji mogħtija f'Malta f'konformità mar-regolament 9 jistgħu jippermettu l-użu ta' xogħlijiet jew materjal ieħor li mhumiex fis-suq min-naħa tal-istituzzjoni tal-wirt kulturali fi kwalunkwe Stat Membru.

(2) L-użu ta' xogħlijiet u materjal ieħor skont l-eċċezzjoni jew il-limitazzjoni provduta fir-regolament 9(2) minn istituzzjoni tal-wirt kulturali stabbilita f'Malta għandu jitqies li jseħħ biss f'Malta.

Miżuri ta' pubblikità.

11. (1) L-informazzjoni għall-iskopijiet ta' identifikazzjoni ta' xogħlijiet u materjal ieħor li mhumiex fis-suq koperti minn liċenzja mogħtija skont ir-regolament 9(1), jew użati taħt l-eċċezzjoni jew limitazzjoni provduti fir-regolament 9(2), kif ukoll l-informazzjoni dwar il-għażliet disponibbli għad-detenturi tad-drittijiet imsemmija fir-regolament 9(4), u, malli tkun disponibbli u fejn rilevanti, l-informazzjoni dwar il-partijiet għal-liċenzja, it-territorji koperti u l-użi, għandha tkun permanentement, faċilment u effettivament disponibbli f'portal pubbliku online wieħed stabbilit u amministrat mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea minn tal-anqas sitt (6) xhur qabel ma x-xogħlijiet u materjal ieħor jiġu distribwiti, ikkomunikati lill-pubbliku jew magħmula disponibbli lill-pubbliku f'konformità mal-liċenzja jew taħt eċċezzjoni jew limitazzjoni:

Iżda:

(a) l-informazzjoni għal-skopijiet tal-idenitfikazzjoni tax-xogħolijiet jew materjal ieħor li mhumiex fis-suq koperti minn liċenzji mogħtija skont is-subregolament (1) għandhom isiru disponibbli mill- organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv jew istituzzjonijiet tal-wirt kulturali li tkun iffinalizzat il-liċenzja rilevanti taħt tali subregolament;

(b) l-informazzjoni għal-skopijiet tal-idenitfikazzjoni tax-xogħolijiet jew materjal ieħor li mhumiex fis-suq koperti minn jew użati skont l-eċċezzjoni jew limitazzjoni provduta fir-regolament 9(2) għandhom ikunu aċċessibli mill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali li qed jagħmlu użu tal-eċċezzjoni taħt tali subregolament.

(2) Jekk meħtieġ għas-sensibilizzazzjoni ġenerali tad-detenturi tad-drittijiet, għandhom jittieħdu miżuri ta' pubbliċità xierqa addizzjonali f'Malta rigward il-kapaċità għall-organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li jilliċenzjaw xogħlijiet jew materjal ieħor skont ir-regolament 9(1), il-liċenzji mogħtija, l-użi skont l-eċċezzjoni jew limitazzjoni provduti fir-regolament 9(2) u l-għażliet disponibbli għad-detenturi tad-drittijiet kif imsemmija fir-regolament 9(4):

Iżda jekk ikun hemm evidenza, bħall-oriġini tax-xogħlijiet jew materjal ieħor, li tissuġġerixxi li s-sensibilizzazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet tista' ssir b'mod aktar effiċjenti fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi terzi, tali miżuri ta' pubbliċità għandhom ikopru wkoll lil dawk l-Istati Membri u pajjiżi terzi.

Ħruġ kollettiv ta' liċenzji b'effett estiż.

12. (1) Il-Ministru jista' permezz ta' avviż fil-Gazzetta, jipprovdi li fejn organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv, stabbilita f'Malta, tidħol fi ftehim ta' liċenzjar għall-isfruttament ta' xogħlijiet jew materjal ieħor f'konformità mal-mandati tagħha mingħand id-detenturi tad-drittijiet li ma jkunux awtorizzaw lil dik l-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv biex tirrappreżentahom permezz ta' assenjazzjoni, liċenzja jew kwalunkwe arranġament kuntrattwali ieħor billi l-ewwel jiksbu l-approvazzjoni mill-Bord rigward tali estensjoni.

F'dawn il-każijiet, organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv jistgħu jissottomettu applikazzjoni lill-Bord, għall-approvazzjoni tal-estensjoni, liema applikazzjoni għandha tindika:

(a) it-tip ta' liċenzja;

(b) l-iskop tal-liċenzja;

(ċ) it-tip ta' xogħol jew materjal ieħor jew drittijiet koperti mill-liċenzja;

(d) l-identità tal-detenturi tal-liċenzja; u

(e) l-indirizz tal-majl elettroniku fejn id-detenturi tad-drittijiet jistgħu jissottomettu t-talbiet tagħhom relattivi għall-liċenzja.

Sabiex tintlaħaq deċiżjoni jekk tiġix approvata jew le l-liċenzja kollettiva b'effett estiż, il-Bord għandu jiżgura li:

(a) organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv hija, abbażi ta' mandati tagħha, biżżejjed rappreżentattiva tad-detenturi tad-drittijiet fit-tip ta' xogħlijiet jew materjal ieħor u tad-drittijiet li huma s-suġġett tal-liċenzja;

(b) id-detenturi tad-drittijiet kollha huma ggarantiti trattament ugwali, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mat-termini tal-liċenzja;

(ċ) il-liċenzja tirrigwarda oqsma ta' użu definiti fejn il-ksib ta' awtorizzazzjonijiet mid-detenturi tad-drittijiet fuq bażi individwali ikun tipikament oneruż u mhux prattiku sal-punt li jnaqqas il-probabbiltà li ssir it-tranżazzjoni ta' liċenzjar meħtieġa, minħabba n-natura tal-użu jew tat-tipi ta' xogħlijiet jew materjal ieħor ikkonċernat.

(d) miżuri ta' pubbliċità xierqa ġew meħuda, mill-organizzazzjoni ta' mmaniġġjar kollettiv kif provdut fis-subregolament (2); u

(e) l-iskop territorjali tal-ftehim tal-liċenzjar in kwistjoni hu limitat għat-territorju ta' Malta.

(2) Minn tal-anqas sitt (6) xhur qabel ma jibda l-użu tax-xogħlijiet u materjal ieħor taħt liċenzja b'effett estiż skont is-subregolament (1), l-organizazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv li beħsiebha tagħti tali liċenzja għandha tieħu miżuri ta' pubbliċità xierqa relatati ma' dik il-liċenzja, li għandhom tal-inqas jinkludu avviż fil-Gazzetta u f'żewġ gazzetti ta' kuljum, sabiex jinfurmaw lid-detenturi tad-drittijiet dwar:

(a) l-kapaċità tagħha li toħroġ liċenzja għal xogħlijiet jew materjal ieħor b'effett estiż;

(b) il-liċenzjar b'effett estiż li hu maħsub li jseħħ;

(ċ) l-għażla li jeskludu x-xogħlijiet tagħhom jew materjal ieħor mil-liċenzja b'effett estiż; u

(d) l-indirizz tal-mail elettroniku fejn id-detenturi tad-drittijiet jistgħu jissottomettu talbiet relattivi għal-liċenzja.

(3) Detenturi tad-drittijiet li ma awtorizzawx lill-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv li tat liċenzja b'effett estiż skont is-subregolament (1), tista' fi kwalunkwe ħin, kemm qabel kif ukoll wara l-bidu tal-użu tax-xogħol jew materjal ieħor taħt dik il-liċenzja, jeskludu x-xogħlijiet tagħhom minn dik il-liċenzja billi jikkomunikaw din it-talba permezz ta' mezzi elettroniċi fl-indirizz tal-mail elettroniku lill-organizzazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv skont kif provdut fis-subregolament (1)(v).

Meta tiġi sottomessa din it-talba u tiġi aċċertata l-identità tad-detentur tad-drittijiet in kwestjoni, organizzazzjoni tal-immaniġġjar

kollettiv rilevanti għandha taġixxi malajr kemm jista' jkun biex teskludi xogħol jew materjal ieħor indikat fit-talba, mil-liċenzja in kwistjoni fi żmien li ma jaqbiżx tliet (3) xhur mid-data tat-talba.

(4) Organizzazzjoni ta' immaniġġjar kollettiv li tat liċenzja b'effett estiż skont is-subregolament (1) għandha tiżgura li d-detenturi tad-drittijiet kollha huma garantiti trattament ugwali, inkluż f'dak li għandu x'jaqsam ma':

(a) it-termini tal-liċenzja;

(b) id-distribuzzjoni tal-ammonti dovuti taħt dik il-liċenzja; u

(ċ) obligazzjonijiet ta' trasparenza u rapurtaġġ applikabbli skont ir-regolamenti 26 sa 30 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur. L.S. 415. 01.

(5) Sabiex tittieħed deċiżjoni jekk l-organizzazzjoni ta' immaniġġjar kollettiv hijiex biżżejjed rappreżżentattiva tad-detenturi tad-drittijiet fit-tip ta' xogħlijiet jew ta' drittijiet, għall-iskopijiet tas-subregolament (1)(a), il-Bord għandu jieħu in konsiderazzjoni:

(a) il-kategoriji tad-drittijiet li tamministra;

(b) l-abilità tagħha li tamministra d-drittijiet b'mod effettiv;

(ċ) speċifiċitajiet tas-settur kreattiv rilevanti; u

(d) kopertura ta' numru sinifikanti tad-detenturi tad-drittijiet fit-tip ta' xogħol jew dritt rilevanti.

(6) Il-diżpożizzjonijiet tar-regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur, għandhom japplikaw organizazzjonijiet tal-imaniġġjar kollettiv li jagħtu liċenzja b'effett estiż skont is-subregolament (1). L.S. 415. 01.

(7) F'każ li jinqala xi tilwim fir-rigward ta' liċenzja b'effett estiż skont is-subregolament (1), id-detentur tad-drittijiet jista' jirreferi t-tilwima lill-Bord għad-deċiżjoni tagħha:

Iżda din għandha tkun bla preġudizzju għad-dritt ta' rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-dententur tad-drittijiet.

(8) Dan ir-regolament ma jaffettwax l-applikazzjoni ta'

mekkaniżmi ta' liċenzjar kollettivi b'effett estiż f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, inklużi dispożizzjonijiet li jippermettu eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet, bħal dawk fir-regolament 9.

Mekkaniżmu ta' negozjar.

13. (1) Fejn il-partijiet li jiffaċċjaw diffikultajiet li jirrigwardaw il-ħruġ ta' liċenzji ta' drittijiet huma u jipprovaw jikkonkludu ftehim bl-iskop li jagħmlu disponibbli xogħlijiet awdjoviżivi fuq pjattaformi li joffru servizzi video-on-demand, inkluż fir-rigward ta' awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe detentur ta' drittijiet skont kif meħtieġ, kull parti konċernata tista' titlob l-assistenza ta' wieħed jew iktar medjaturi maħtura miċ-Ċentru għall-Medjazzjoni ta' Malta. Il-medjaturi għandhom jiġu magħżula b'tali mod illi ma jkun hemm ebda dubju raġunat dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom. Ix-xogħol tal-medjatur għandu jkun li jipprovdi assistenza fin-negozjati u sabiex jgħin lill-partijiet jilħqu ftehmi, inkluż fejn xieraq, billi jissottomettu proposti lilhom.

(2) Kemm il-parteċipazzjoni fil-proċedura kif indikata fis-subregolament (1) kif ukoll il-konklużjoni ta' kwalunkwe ftehim skont il-proċedura, għandhom ikunu kompletament volontarji u ma għandhomx ikollhom effett fuq il-libertà kuntrattwali ta' kwalunkwe parti involuta.

(3) Fejn in-negozjati jinvolvu partijiet minn Malta u minn Stat Membri oħra u fejn dawn il-partijiet jiddeċiedu li jmexxu b'mekkaniżmu ta' negozjar, il-partijiet għandhom jiftiehmu minn qabel dwar l-Istat Membru kompetenti.

Xogħlijiet ta' arti viżiva fid-dominju pubbliku.

14. Meta mandat ta' protezzjoni ta' xogħol artistiku viżiv ikun skada, kwalunkwe materjal li jirriżulta minn att ta' riproduzzjoni ta' dak ix-xogħol mhuwiex soġġett għad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati, sakemm il-materjal li jirriżulta minn dak l-att ta' riproduzzjoni ma jkunx oriġinali fis-sens li jkun il-ħolqien intellettwali tal-awtur innifsu.

Il-protezzjoni tal-pubblikazzjoniji et tal-istampa fir-rigward tal-użi online.

15. (1) Pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa għandu jkollhom id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kwalunkwe użu mill-fornituri ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni:

(a) ta' r-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa tagħhom;

(b) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-pubblikazzjonijiet tal-istampa tagħhom, b'mezzi bil-fil jew mingħajr fili, b'dak il-mod li l-membri tal-pubbliku jistgħu ikollhom aċċess għalihom minn post u ħin li huma jagħżlu individwalment.

(2) Id-drittijiet provduti fis-subregolament (1) ma għandhomx jestendu għal sempliċi fatti rrapurtati, fir-rigward ta' pubblikazzjoni tal-istampa ma għandhomx jinkludu d-dritt ta' awtorizzazzjoni jew projbizzjoni ta':

(a) użi privati jew mhux kummerċjali ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa minn utenti individwali;

(b) atti ta' hyperlinking;

(ċ) tal-użu ta' kliem individwali jew siltiet qosra ħafna ta' pubblikazzjoni tal-istampa.

(3) Id-drittijiet mogħtija fir-rigward pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa skont is-subregolament (1) għandhom iħallu kif inhuma u ma għandhom bl-ebda mod jaffettwaw id-drittijiet tal-awturi u ta' detenturi oħra tad-drittijiet, fir-rigward ta' xogħlijiet u materjal ieħor inklużu f'pubblikazzjonijiet tal-istampa. Id-drittijiet provduti fis-subregolament (1) ma għandhomx jiġu invokati kontra awturi u detenturi tad-drittijiet oħra fir-rigward ta' xogħlijiet u materjal ieħor inklużi f'pubblikazzjoni tal-istampa u, b'mod partikolari, ma għandhomx jiġu miċħuda mid-dritt tagħhom li jisfruttaw ix-xogħlijiet tagħhom u materjal ieħor indipendentement mill-pubblikazzjoni tal-istampa, li jkunu jinstabu fihom.

(4) Meta xogħol jew materjal ieħor ikunu inkorporati f'pubblikazzjoni tal-istampa fuq il-bażi ta' liċenzja mhux esklużiva, id-drittijiet provduti fis-subregolament (1) ma għandhomx jiġu invokati biex jipprojbixxu l-użu min-naħa ta' utenti awtorizzati oħra.

(5) Id-drittijiet provduti fis-subregolament (1) ma għandhomx jiġu invokati biex jipprojbixxu l-użu ta' xogħlijiet jew materjal ieħor li l-protezzjoni għalihom tkun skadiet.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 9 u 42 tal-Att, tar-Regolamenti dwar Ċerti Użi Permessi ta' Xogħlijiet Orfni, tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur u tal-Ordni dwar l-Użu Permess ta' Ċerti Xogħlijiet u Materjal Ieħor Protett bid-Drittijiet tal-Awtur u Drittijiet Relatati għall-Ġid tal-Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'Xi Mod Ieħor Għandhom Diffikultà Biex Jaqraw Materjal Stampat, għandhom *mutatis mutandis* japplikaw fir-rigward tad-drittijiet provduti fis-subregolament (1).

L.S. 415. 05.

LS. 415. 01.

L.S. 460. 36.

(7) Id-drittijiet mogħtija f'dan ir-regolament għall-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa għandhom jiskadu fi żmien sentejn (2) minn l-aħħar tas-sena ta' wara d-data li l-pubblikazzjoni tal-

istampa tkun ġiet ippubblikata.

(8) Id-drittijiet provduti mis-subregolament (1) ma għandhomx japplikaw għall-pubblikaturi ta' pubblikazzjonijiet tal-istampa li kienu l-ewwel ippubblikat qabel is-6 ta' Ġunju 2019.

(9) Awturi ta' xogħlijiet inkorporati f'pubblikazzjoni tal-istampa għandhom jirċievu sehem xieraq mid-dħul li l-pubblikaturi tal-istampa jirċievu għall-użu tal-pubblikazzjonijiet tal-istampa tagħhom minn fornituri ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni:

Iżda fin-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rimunerazzjoni pagabbli taħt dan is-subregolament, l-ammont ta' tali rimunerazzjoni għandha tkun iddeterminata mill-Bord.

L-użu ta' kontenut protett minn fornituri ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online.

16. (1) Fornitur ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online jagħmel att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew f'att ta' disponibbiltà għall-pubbliku meta jagħti aċċess pubbliku għal xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew materjal protett ieħor imtella' mill-utenti tiegħu.

Fornitur ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online għandu għaldaqstant jikseb awtorizzazzjoni minn awturi, artisti u produtturi ta' reġistrazzjonijiet tas-smigħ, produtturi tal-films u, jew organizzazzjonijiet tax-xandir, skont il-każ, sabiex jikkomunika lill-pubbliku jew jagħmel disponibbli lill-pubbliku xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur jew materjal ieħor protett:

Iżda tali awtorizzazzjoni tista' tinkiseb, fost oħrajn, billi jikkonkludi ftehim ta' liċenzjar.

Iżda wkoll id-dettenturi tad-drittijiet ma għandhomx ikunu obbligati jagħtu awtorizzazzjoni jew jikkonkludi ftehim ta' liċenzjar.

(2) Fejn fornitur ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online jikseb awtorizzazzjoni, dik l-awtorizzazzjoni għandha tkopri wkoll atti ta' komunikazzjoni lill-pubbliku u, jew atti ta' tqegħid għad-disponibbiltà tal-pubbliku fejn tali atti huma mwettqa mill-utenti ta' servizzi meta l-utenti ma jkunux qed jaġixxu fuq bażi kummerċjali jew fejn l-attività tagħhom ma tiġġenerax dħul sinifikanti.

(3) (a) Meta fornitur ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online jagħmel att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew għad-disponibbiltà tagħhom lill-pubbliku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, il-limitazzjoni ta' responsabbiltà stabbilita fl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi ma għandhiex tapplika għas-sitwazzjonijiet koperti minn dan ir-regolament.

Kap. 426.

(b) Is-subregolament preċedenti ma għandux jaffettwa l-possibbiltà tal-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi għal dawk il-forniturі ta' servizz għal finijiet li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti: Kap. 426.

Iżda l-limitazzjoni ta' responsabbiltà stabbilita fl-artikolu 21 tal-Attdwar Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi ma japplikax għall-forniturі ta' servizz li l-għan ewlieni tagħhom huwa li jinvolvu ruħhom fil-piraterija tad-drittijiet tal-awtur jew li jiffaċilitaw din il-piraterija. Kap. 426.

(4) Jekk ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni, il-forniturі ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online għandhom ikunu responsabbli għal atti ta' komunikazzjoni mhux awtorizzati lill-pubbliku, inkluż li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, ta' xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur u materjal ieħor, sakemm il-forniturі ta' servizz ma jurux li huma:

(a) għamlu l-aħjar sforzi biex jiksbu awtorizzazzjoni, u

(b) f'konformità mal-istandards għoljin ta' diliġenza professjonali tal-industrija, għamlu l-aħjar sforzi biex jiżguraw li ma kienx hemm disponibbli xogħlijiet speċifiċi u materjal ieħor li għalihom id-detenturi tad-drittijiet ikunu pprovdew l-informazzjoni rilevanti u neċessarja lill-forniturі ta' servizz; u fi kwalunkwe każ,

(ċ) aġixxew malajr, malli rċevew notifika sostanzjata biżżejjed mid-detenturi tad-drittijiet, biex jiddiżattivaw l-aċċess għal, jew ineħħu, mis-siti web tagħhom ix-xogħlijiet jew materjal ieħor notifikati, u għamlu l-aħjar sforzi biex jipprevjenu kwalunkwe upload futur tagħhom skont il-paragrafu (b).

(5) Meta jkun irid jiġi ddeterminat jekk il-fornitur ta' servizz huwiex konformi mal-obbligi tiegħu skont is-sugregolament (4), u fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità, għandhom, fost oħrajn, jitqiesu l-elementi li ġejjin:

(a) it-tip, l-udjenza u d-daqs tas-servizz u t-tip ta' xogħlijiet jew materjal ieħor imtella' mill-utenti tas-servizz; u

(b) id-disponibbiltà ta' mezzi xierqa u effikaċi u l-ispiża tagħhom għall-forniturі ta' servizz.

(6) Fir-rigward ta' forniturі ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online ġodda li s-servizzi tagħhom kienu disponibbli għall-pubbliku fl-Unjoni għal inqas minn tliet (3) snin u li għandhom fatturat

annwali ta’ inqas minn għaxar miljun euro (€10,000,000), ikkalkulat f’konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, il-kundizzjonijiet taħt ir-reġim ta' responsabbiltà stabbilit fis-subregolament 4 huma limitati għall-konformità mal-paragrafu (a) tas-subregolament (4) u li jaġixxu malajr, malli jirċievu avviż sostanzjat biżżejjed, biex jiddiżattivaw l-aċċess għax-xogħlijiet jew għal materjal ieħor notifikati jew li jneħħu dawk ix-xogħlijiet jew materjal ieħor mis-siti web tagħhom:

Iżda meta l-għadd medju ta’ viżitaturi uniċi ta’ kull xahar ta’ tali fornituri ta’ servizz jaqbeż ħames (5) miljun, ikkalkulat abbażi tas-sena kalendarja preċedenti, għandhom juru wkoll li għamlu l-aħjar sforzi biex jipprevjenu uploads ulterjuri tax-xogħlijiet u ta’ materjal ieħor notifikati li għalihom id-detenturi tad-drittijiet ipprovdew informazzjoni rilevanti u neċessarja.

(7) Il-kooperazzjoni bejn il-fornituri ta’ servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online u d-detenturi tad-drittijiet ma għandhiex tirriżulta fil-prevenzjoni tad-disponibbiltà ta’ xogħlijiet jew materjal ieħor imtella’ mill-utenti li ma jiksrux id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, inkluż fejn tali xogħlijiet jew materjal ieħor ikunu koperti minn eċċezzjoni jew limitazzjoni skont l-Att.

Id-drittijiet ipprovduti mill-Att u dawn ir-regolamenti ma għandhomx jipprekludu l-fornituri ta’ servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online milli jtellgħu u jagħmlu disponibbli kontenut iġġenerat mill-utenti dwar is-servizzi tal-kondiviżjoni tal-kontenut online fil-kuntest ta’:

(a) kwotazzjoni, kritika jew riċensjoni; u

(b) użu għal skop ta' karikatura, parodija jew pastiċċ.

(8) (a) L-applikazzjoni ta’ dan ir-regolament ma għandhiex twassal għal obbligu ġenerali, fuq il-fornituri ta’ servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online, ta’ monitoraġġ.

(b) Il-fornituri ta’ servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online għandhom jipprovdu lid-detenturi tad-drittijiet, fuq talba tagħhom, b’informazzjoni adegwata dwar il-funzjonament tal-prattiki tagħhom fir-rigward tal-kooperazzjoni msemmija fis-subregolament (4) u, fejn jiġu konklużi ftehimiet ta’ liċenzjar bejn il-fornituri ta’ servizz u d-detenturi tad-drittijiet, informazzjoni dwar l-użu tal-kontenut kopert mill-ftehimiet.

(9) (a) Il-fornituri ta’ servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu effettiv u rapidu għat-

tressiq tal-ilmenti u ta' rimedju li jkun disponibbli għall-utenti tas-servizzi tagħhom f'każ ta' tilwim dwar id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, jew it-tneħħija ta' xogħlijiet jew materjal ieħor imtella' minnhom.

(b) Fejn id-detenturi tad-drittijiet jitolbu li l-aċċess għax-xogħlijiet speċifiċi jew materjal ieħor tagħhom jiġi diżattivat jew li dawk ix-xogħlijiet jew materjal ieħor jitneħħew, dawn għandhom jiġġustifikaw debitament ir-raġunijiet għat-talbiet tagħhom.

(ċ) L-ilmenti mressqa taħt il-mekkaniżmu prvodut fis-subregolament (1) għandhom jiġu pproċessati mingħajr dewmien żejjed, u d-deċiżjonijiet biex jiġi diżattivat jew jitneħħa l-aċċess għall-kontenut imtella' għandhom ikunu soġġetti għal rieżami minn bniedem.

(d) L-utenti ta' servizzi tal-kondiviżjoni tal-kontenut online jistgħu jirreferu kwalunkwe tilwim relattat mad-diżattivazzjoni jew tneħħija tal-aċċess għall-xogħlijiet jew materjal ieħor imtella' minnhom, jew fir-rigward tal-użu ta' eċċezzjoni jew limitazzjoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, lill-Bord għad-determinazzjoni:

Iżda din għandha tkun bla preġudizzju għad-dritt ta' rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-utenti.

(e) Dawn ir-regolamenti bl-ebda mod ma għandhom jaffettwaw l-użi leġittimi, bħalma huma l-użi taħt l-eċċezzjonijiet jew il-limitazzjonijiet provduti mil-liġi tal-Unjoni, u ma għandhomx iwassalu għall-ebda identifikazzjoni tal-utenti individwali u lanqas għall-ipproċessar tad-data personali, ħlief skont id-Direttiva 2002/58/KE u r-Regolament (UE) 2016/679.

(f) Il-fornituri ta' servizz tal-kondiviżjoni tal-kontenut online għandhom jinfurmaw lill-utenti fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom li jistgħu jużaw xogħlijiet u materjal ieħor taħt eċċezzjonijiet jew limitazzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati provduti mil-liġi tal-Unjoni.

Prinċipju ta' rimunerazzjoni xierqa u proporzjonata.

17. Fejn l-awturi u l-artisti jagħtu liċenzja jew jittrasferixxu d-drittijiet esklużivi tagħhom għall-isfruttament tax-xogħlijiet jew ta' materjal ieħor tagħhom, ikunu intitolati li jirċievu rimunerazzjoni xierqa u proporzjonata. Fin-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rimunerazzjoni pagabbli taħt dan is-subregolament, l-ammont ta' tali rimunerazzjoni għandu jiġi determinat mill-Bord:

Iżda meta jkun qiegħda tiġi stabbilita r-rimunerazzjoni

xierqa u proporzjonata skont il-valur ekonomiku attwali jew potenzjali tad-drittijiet liċenżjati jew trasferriti, għandu jittieħed kont tal-kontribuzzjoni tal-awtur jew artist lejn ix-xogħol jew materjal ieħor ġenerali kif ukoll ċirkonstanzi oħra tal-każ, bħal prattiċi tas-suq u l-isfruttar attwali tax-xogħol.

Obbligu ta' trasparenza.

18. (1) L-awturi u l-artisti għandhom jirċievu fuq bażi regolari, minn tal-inqas darba fis-sena, u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet ta' kull settur, informazzjoni aġġornata, rilevanti u komprensiva dwar l-isfruttament tax-xogħlijiet u l-prestazzjonijiet tagħhom mill-partijiet li lilhom ikunu liċenzjaw jew ttrasferew id-drittijiet tagħhom jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, b'mod partikolari fir-rigward tal-modi ta' sfruttament, id-dħul iġġenerat u l-ħlas dovut kollu:

Iżda meta dawn id-drittijiet ikunu ġew sussegwentement liċenzjati, l-awturi u l-artisti jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom, fuq talba tagħhom, jirċievu, minn persuna b'subliċenzja, informazzjoni addizzjonali, fil-każ li d-detentur tal-liċenzja oriġinali ma jkollhux l-informazzjoni kollha li tkun meħtieġa għall-finijiet tas-subregolament hawn fuq. Meta dik l-informazzjoni addizzjonali tkun mitluba, l-ewwel kontroparti kuntrattwali tal-awturi u l-artisti għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-identità ta' dawk il-persuni b'subliċenzja.

(2) L-obbligu stabbilit fis-subregolament (1) għandu jkun proporzjonat u effettiv bil-għan li jiżgura livell għoli ta' trasparenza f'kull settur:

Iżda l-partijiet jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu lil min id-drittijiet kienu liċenzjati jew trasferiti jistgħu jagħmlu talbiet issostanzjati permess ta' repreżentazzjonijiet lill-Bord fejn jindikaw:

(a) każijiet debitament ġustifikati meta l-piż amministrattiv li jirriżulta mill-obbligu stabbilit fis-subregolament (1) isir sproporzjonat fid-dawl tad-dħul iġġenerat mill-isfruttament tax-xogħol jew il-prestazzjoni;

(b) dak l-obbligu jkun limitat għat-tipi u l-livell ta' informazzjoni li jistgħu jiġu raġonevolment mistennija f'każijiet bħal dawn:

Iżda wkoll il-Bord jista' jirrijfjuta tali talbiet.

(3) Ir-regoli ta' trasparenza stabbiliti f'dan ir-regolament ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-ftehimiet konklużi minn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li huma regolati skont it-termini tal-Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-

L.S. 415. 01.

Awtur.

Mekkaniżmu tal-aġġustament tal-kuntratt.

19. (1) Fl-assenza ta' ftehim ta' negozjar kollettiv applikabbli li jipprevedi mekkaniżmu biex issir talba għall-rimunerazzjoni xierqa u proporzjonata addizzjonali, l-awturi u l-artisti, jew ir-rappreżentanti tagħhom, huma intitolati li jitolbu rimunerazzjoni addizzjonali, xierqa u ġusta mill-parti li magħha jkunu daħlu f'kuntratt għall-isfruttament tad-drittijiet, jew mis-suċċessuri fit-titolu ta' tali parti, skont il-każ:

Iżda tali talba tista' ssir biss meta r-remunerazzjoni miftiehma oriġinarjament tirriżulta sproporzjonatament baxxa meta mqabbla mad-dħul rilevanti sussegwenti kollha miksuba mill-isfruttament tax-xogħlijiet, prestazzjonijiet jew materjal ieħor:

Iżda wkoll meta tkun qiegħda ssir valutazzjoni jekk it-tali rimunerazzjoni hijiex sproporzjonatament baxxa, għandu jittieħed kont ta':

(a) id-dħul kollu rilevanti għall-każ in kwistjoni, inkluż, fejn applikabbli, dħul mill-*merchandising*;

(b) iċ-ċirkostanżi speċifiċi ta' kull każ, il-kontribuzzjoni ta' kull awtur jew artist u is-speċifiċitajiet u l-prazzi ta' remunerazzjoni fis-setturi tal-kontenut differenti.

(2) Fin-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rimunerazzjoni addizzjonali pagabbli skont dan is-subregolaent, l-ammont tar- rimunerazzjoni addiżżjonali għandu jkun determinat mill-Bord.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) ma għandhomx japplikaw fir-rigward tal-ftehimiet konklużi minn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li huma regolati skont it-termini tar-Regolamenti dwaril-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur. L.S. 415. 01.

Proċedura alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim.

20. Fi kwalunkwe tilwim dwar l-obbligu tat-trasparenza skont ir-regolament 18 u l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kuntratt skont ir-regolament 19 l-awturi u l-artisti jew ir-rappreżentanti tagħhom jistgħu jressqu tali tilwim liċ-Ċentru ta' Arbitraġġ ta' Malta jew liċ-Ċentru għall-Medjazzjoni skont it-termini tal-Att dwar l-Arbitraġġ f' Malta u l-Att dwar il-Medjazzjoni f'Malta rispettivament.

Kap. 387.
Kap. 474.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-awturi u l-artisti jkunu jistgħu jagħtu bidu għal tali proċeduri fuq talba speċifika ta' awtur jew artist wieħed jew aktar:

Iżda organizzazzjonijiet ta' awturi u artisti jistgħu jibdew tali proċeduri fuq talba ta' awtur jew artist wieħed jew aktar:

Iżda wkoll din għandha tkun bla preġudizzju għad-dritt ta' rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-awturi jew artisti.

Dritt ta' revoka.

21. (1) Meta awtur jew artist ikun illiċenzja jew ittrasferixxa d-drittijiet tiegħu f'xogħol jew materjal protett ieħor fuq bażi esklużiva, l-awtur jew l-artist jistgħu jirrevokaw kompletament jew parzjalment il-liċenzja jew it-trasferiment ta' drittijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' sfruttament tax-xogħol jew ta' materjal protett ieħor għall-perjodu kontinwu ta' ħames (5) snin:

Iżda l-awtur jew artist in kwistjoni għandu, permezz ta' att ġudizzarju, jistabbilixxi żmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur li waqthom irid isir l-esplojtazzjoni tad-drittijiet liċenzjati jew assenjati mid-ditentur tal-assenjament jew id-detentur tal-liċenzja:

Iżda wkoll fil-każ ta' reġistrazzjoni tas-smigħ, il-limitu ta' żmien stabbilit minn artist ma għandux ikun inqas minn sena (1).

(2) Jekk id-ditentur tal-assenjament jew id-ditentur tal-liċenzja jonqos li jesplojta d-drittijiet konċernati fiż-żmien stipulat, l-awtur jew l-artist in kwistjoni jistgħu jirrevokaw il-liċenzja jew it-trasferiment ta' drittijiet kompletament jew parzjalment, jew jitterminaw l-esklużività tagħha billi jirreferu il-kwistjoni lill-Bord għad-deċiżjoni.

(3) F'każ ta' xogħlijiet ta' ko-awturi jew xogħlijiet kollettivi, l-att ġudizzarju msemmi fil-paragrafu ta' qabel jista' jiġi sottomess minn kwalunkwe ko-awtur jew ko-detentur tad-drittijiet. Iżda, qabel ma' jiġi deċiż jekk il-licenżja jew it-trasferriment tad-drittijiet in kwistjoni għandux jkun revokat jew jekk għandhiex tkun terminata l-esklużività tagħha, skont il-każ, il-Bord għandu jistabbilixxi perjodu fejn il-ko-awturi jew il-ko-detenturi tad-drittijiet jistgħu jagħmlu s-sottomessjonijiet tagħhom relattivi għar-revokazzjoni jew it-terminazzjoni tal-esklużività, skont il-każ:

Iżda biex il-Bord jasal għal deċizjoni relattata mal-paragrafi ta' qabel, dan għandu jivvaluta l-importanza relattiva tal-kontibuzzjonijet individwali ta' kull ko-awtur jew ko-detentur tad-drittijiet involuti, kif ukoll l-interessi leġittimi tal-ko-awturi u ko-detenturi tad-drittijiet kollha li huma affettwati bl-applikazzjoni tar-revoka jew it-terminuazzjoni tal-esklużività , skont il-każ.

(4) Is-subregolament (1) ma għandux japplika:

(a) fil-każ ta' xogħlijiet awdjoviżivi jew databases; jew

(b) fil-każ li n-nuqqas ta' sfruttament tax-xogħol jew materjal ieħor ikun l-aktar minħabba ċirkostanzi li l-awtur jew l-artist jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jirrimedjaw; jew

(ċ) fir-rigward ta' kull dispożizzjoni kuntrattwali li tidderoga mill-mekkaniżmu ta' revoka fejn dawn jiffurmaw parti minn ftehimiet konklużi minn organizzazzjonijiet ta' mmaniġġjar kollettiv li huma regolati skont it-termini tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur. L.S. 415. 01.

Kumpens xieraq għall-iskop uniku ta' illustrazzjoni għat-tagħlim jew riċerka xjentifika.

22. Ir-riproduzzjoni, traduzzjoni, distribuzzjoni jew komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħol għall-għan ewlieni li ssir illustrazzjoni biss għal tagħlim jew riċerka xjentifika sal-limitu ġustifikat biex jintlaħaq l-iskop mhux kummerċjali, u sakemm l-oriġini, inkluż l-isem tal-awtur ikun indikat, sakemm dan ma jkunx impossibli, provduti fl-artikolu 9(1)(h) tal-Att għandu jsir sakemm id-detenturi tad-drittijiet jirċievu kumpens xieraq.

Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet fir-Regolamenti mhumiex preġudikati mill-eċċezzjonijiet fl-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

23. L-eċċezzjonijiet u ll-imitazzjonijiet provduti f'dawn ir-regolamenti ma għandhomx ikunu preġudikati jew limitati fl-iskopb'riżultat tal-artikoli 9(1)(d) u (h) u 26(2)(b) tal-Att.

Dispożizzjonijiet komuni.

24. (1) Kwalunkwe dispożizzjoni kuntrattwali li tipprevjeni l-konformità mar-regolamenti 18, 19 u 20 għandha tkun null u bla effett b'rabta mal-awturi u l-artisti u ma għandhiex tkun infurzabbli f'dan ir-rigward.

(2) Ir-regolamenti 17 sa 21, it-tnejn inklużi, ma japplikawx għal awturi ta' programm tal-kompjuter fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/24/KE.

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

25. Ftehimiet għal-liċenzja, assenjament jew it-trasferiment tad-drittijiet tal-awturi u l-artisti għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu tat-trasparenza stabbilit fir-regolament 18 sa mis-7 ta' Ġunju 2022:

Iżda dan ir-regolament ma għandux japplika għall-ftehimiet li daħħlu fis-seħħ minn dik id-data u fir-rigward ta' ftehimiet li jkunu saru qabel dik id-data u li għadhom fis-seħħ.